**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 81 – IT-TNEJN, 6 TA’ MARZU 2017 FIS-5.50PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku (6.30pm) |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 80

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 80

2.1 Rigward paragrafu 8.1.3, is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-bank ta' quddiem il-knisja sar u l-WSC lestew ix-xogħol fuq ir-roundabout ta' Triq il-Mensija.

2.2 Rigward paragrafu 8.2.3, is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li dal li ssuġġeriet is-Sinjura Marica Bayliss hija xi ħaġa diffiċli ħafna.

2.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet sospensjoni tal-agenda biex jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 71

3.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li għandu jsir tiswijiet fuq il-bandli ta' Ġnien Karin Grech sakemm jibda l-proġett.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li inqata' l-appell pendenti rigward it-tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku mill-Qorti u l-Kunsill jista' jiffirma l-kuntratt tal-Preferred Bidder, Galea Cleaning Solutions.

4.3 Sar appell fuq propost żvilupp fi Triq il-Bies li jiġi f'Wied Għomor. Il-Kunsill ikkonferma li għandu jappella kull applikazzjoni li jkun hemm f'Wied Għomor.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' Bonnici Printing Press għal 550 Ewro biex isiru l-leaflets għal wirjiet tal-Ġimgha l-Kbira f'San Ġwann

5.2 Kien hemm diskussjoni rigward korsijiet tat-TCTC fuq Robotics. Kien hemm qbil li ma napplikawx minħabba nuqqas ta' faċilitajiet.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward korsijiet tal-lifelong learning. Kien hemm qbil li ma napplikawx minħabba nuqqas ta' faċilitajiet.

5.4 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' 150 Ewro biex jinkera lifter għall-armar tal-Ġimgħa l-Kbira.

5.5 Kien hemm diskussjoni rigward suġġeriment biex fi Triq il-Kampanella jitwaħħlu tabelli, "Silence Residential Area". Kien hemm qbil li dawn ma jsirux minħabba li kull żona ta' San Ġwann hija residential area u mhux biss Triq il-Kampanella.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis daħal għal-laqgħa fis-6.30pm.

5.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar appell mill-iżviluppaturi tad-dar tal-Anzjani propost f'Wied Għomor. Il-Kunsill għandu jirreġistra oġġezzjoni fuq din. Kien hemm qbil ukoll li jsir verifika mal-Uffiċċju tal-Veterinarju jekk il-farm li hemm għandux permess iżomm il-bhejjem.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex

6.1.1 Isir planter fi Triq J F Marks minflok jitħalla vojt u jsir rimi ta' skart. Ippropona wkoll li jew isir planter jew isir parkeġġ li kien hemm l-iskips u qed isir rimi ta' skart. Kien hemm qbil unanimu fuq iż-żewġ proposti.

6.1.2 Ippropona li ssir bozza fuq arblu fit-triq li hemm f'Wied Għomor fejn id-dog park peress li m'hemmx bozza u din it-triq taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tiġi ppreżentata stima fil-laqgħa li jmiss.

6.1.3 Ippropona li parking bay fis-service road ta' Triq il-Balal tinbidel fi tnejn jew tlieta MC bays. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm 6 favur u 1 kontra.

6.1.4 Għandu jiġi nfurmat il-Ministru tal-Edukazzjoni bin-nuqqas ta' komunikazzjoni mill-FTS rigward tiswija ta' bankina li ġġarrfet ħsarat meta kienu qed isiru xogħlijiet fuq extension tal-iskola primarja.

6.1.5 Għandha tiġi ppreżentata stima biex jiġi rranġat ħajt fi Triq Bella Vista u kien hemm qbil li jinbidel doggie bin fi Triq il-Kampanella peress li għandu l-ħsara.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss fakkret li għħd hemm pendenti l-info pack, l-istima tal-ktieb kif ukoll xi affarjiet oħra.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia tkellmet li nħass il-bżonn għal żebra crossing fl-aħħar parti ta' Triq San Ġiljan.

6.4 Is-Sur Trevor Fenech staqsa rigward xi kontijiet pendenti fuq il-guva.

6.5 Is-Sinjura Rita Saliba fakkret li għad irid jiġi vverifikat jekk double yellow line li sar fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma’ Triq il-Kunċizzjoni huwiex legali.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 3 ta' April 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |